**160. Il-Prim Ministru Dom Mintoff, jipproponi:**

Illi din il-Kamra tirrakkommanda li l-Gvern, meta l-mument ikun propizju - jiġifieri, meta jsiru magħrufa r-raġunijiet għaliex partitarji attivi Nazzjonalisti kellhom f'idejhom armi li setgħu ressqu lill-pajjiż lejn xifer id-diżastru, u jinstabu l-persuni u l-organizzazzjonijiet Maltin u barranin li daħħlu dan il-għawġ f'pajjiżna, u wara li l-Oppożizzjoni tieħu parti sħiħa fil-ħajja ta' dan il-Parlament, kif jagħmlu l-parititi demokratiċi f'pajjiżi oħra fejn hemm id-demokrazija f'sistema parlamentari - iressaq Mozzjoni ħalli din il-Kamra taħtar Kumitat Magħżul li jkollu l-għajn li jtejjeb il-Kostituzzjoni li, għalkemm hija l-aħjar waħda li l-pajjiż qatt kellu u li ġiet magħmula għall-ewwel darba mill-Maltin għall-Maltin, wara għaxar snin qegħda turi fejn tista' tiġi msaħħa u mtejba billli fost ħwejjeġ oħra:

(a) tiġi konfermata n-newtralità ta' Malta billi jiġi assigurat li ebda Gvern ma jkun jista' jħalli titwaqqaf f'pajjiżna bażi barranija għal skopijiet militari;

(b) jiġi assigurat li ma jkunx hemm indħil tal-barrani fil-politika interna tal-pajjiż, speċjalment b'mezzi li bihom il-barrani jkun qiegħed jinfluwenza b'mod sostanzjali ir-riżultat tal-elezzjoni fil-pajjiż;

(c) jiġi assigurat ukoll li, biex ikun hawn verament libertà tal-kuxjenza u ta' qima reliġjuża ("freedom of conscience" u "freedom of worship") mingħajr diskriminazzjoni kontra ebda ċittadin, kull reliġjon ikollha l-istess drittijiet, u l-Istat jittratta r-Reliġjonijiet kollha xorta waħda bla ma jagħti privileġġi lil xi Reliġjon waħda a skapitu ta' oħra;

(d) waqt li jiġi konfermat id-dritt taċ-ċittadini għall-proprjetà privata, jiġi wkoll aċċettat il-prinċipju li l-valur tal-proprjetà huwa fuq kollox soċjali, u li ma għandux ikun hemm xkiel biex finalment il-proprjetà tiġi utilizzata għall-ġid tan-Nazzjon;

(e) jiġu mogħtija lill-President tar-Repubblika aktar setgħat milli għandu llum f'ċerti setturi li fihom iridu jiġu amministrati ħtiġijiet vitali għad-demokrazija biex b'hekk żgur ma jkunx hemm suspetti ta' xaqlib lejn xi partit politiku jew ieħor fl-amministrazzjoni ta' ħtiġijiet vitali għad-demokrazija fil-pajjiż; u

Illi din il-Kamra tiddeċiedi li dan il-Kumitat Magħżul għandu jinħatar biss wara li l-Oppożizzjoni turi verament rieda tajba; u li dan il-Kumitat Magħżul ikun jista' jirrakkommanda wkoll emendi oħra li jinħassu xierqa ħalli tissaħħaħ id-demokrazija u pajjiżna jkompli jimxi 'l quddiem fis-sliem.

**24.04.1984**

**Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Edward Fenech Adami, ressaq din l-emenda "A":**

Ħassar dak kollu li jiġi wara "Illi din il-Kamra ..." u ssostitwixxi b'dan li ġej:

... tagħraf u ssostni dak li kiteb il-Prim Ministru lill-President tar-Repubblika fl-ittra tiegħu tat-18 ta' Frar, 1983, fejn qal: " ... qabel elezzjoni oħra, wara li jkunu saru diskussjonijiet fuq l-affarijiet kollha li jixtiequ jbiddlu ż-żewġ naħat, jidħlu emendi ġodda fil-Kostituzzjoni tal-1974 skont dak li jiġi miftiehem bejniethom."

Għaldaqstant din il-Kamra tiddeċiedi li taħtar Kumitat Magħżul, iffurmat minn seba' Membri bl-għan li jistudja u fi żmien tliet xhur jirrapporta lil din l-istess Kamra dwar:

(A) Tibdil li għandu jsir fil-Liġijiet Elettorali, u, jekk huwa xieraq, fil-Kostituzzjoni, biex kull partit f'elezzjoni jikseb numru ta' deputati l-aktar viċin possibbli għall-perċentwali ta' voti li jkun ġab u biex partit li jkollu maġġoranza assoluta ta' voti jkollu dejjem maġġoranza assoluta ta' deputati;

(B) Tibdil meħtieġ fil-Proċess Elettorali ħalli jkun assigurat li l-poplu kollu jkollu fiduċja sħiħa f'dak kollu li huwa konness ma' kull elezzjoni li ssir f'pajjiżna u dan jirrifletti ruħu wkoll fl-għażla u l-ħatra tal-Kummissjoni Elettorali u ta' kull uffiċjal konness mat-tmexxija u superviżjoni tal-proċess elettorali;

(C) L-arranġamenti kollha meqjusa meħtieġa biex jiġi assigurat li x-Xandir f'pajjiżna jitmexxa b'mod bilanċjat u imparzjali u b'mod li tassew ikun aċċessibbli għal persuni ta' fehmiet differenti kif jitolbu l-kelma u l-ispirtu tal-Kostituzzjoni u kif meħtieġ f'demokrazija vera;

(D) Ir-reviżjoni tas-sistema tal-ħidma parlamentari biex ix-xogħol tal-Parlament jitqassam aħjar billi jitwaqqfu Kumitati Parlamentari permanenti biex jgħarblu b'aktar reqqa u mingħajr għaġġla esaġerata l-oqsma l-aktar importanti (Bħall-infiq tal-flus, il-politika barranija, l-iżvilupp ekonomiku, eċċ.) tal-ħidma tal-Gvern;

(E) Xi tibdil u emendi fil-Kostituzzjoni li jistgħu jinħassu meħtieġa bl-iskop li jkun assigurat li r-ruħ tal-Kostituzzjoni ta' Malta tkun qawwija biżżejjed biex tassigura l-iżvilupp mixtieq għall-ħajja demokratika u l-aktar biex jissaħħaħ il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem. Fost it-tibdil meħtieġ f'dan il-qasam jidħlu dawn il-miżuri:

(i) Iffirmar mill-Gvern Malti tal-ftehim li sar bejn il-pajjiżi Ewropej biex il-Maltin li jidhrilhom li sar xi ksur tad-drittijiet tagħhom bħala bnedmin ikunu jistgħu jressqu l-każ quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; u fl-istess ħin naraw liema huma dawk il-liġijiet kolonjali li sa llum baqgħu privileġġati fil-Kostituzzjoni tagħna li jistgħu jkunu ta' theddida għall-istess

drittijiet tal-bniedem, u allura jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex il-protezzjoni privileġġata taż dawn il-liġijiet titneħħa;

(ii) Id-diskriminazzjoni bejn is-sessi tieħu postha mad-diskriminazzjonijiet l-oħra projbiti mill-Kostituzzjoni;

(iii) Tissaħħaħ il-garanzija tal-indipendenza tal-Qrati, tat-Tribunali u Kummissjonijiet oħra tal-Gvern, biex jitneħħew ix-xquq li minnhom tiddeffes il-politika;

(iv) Jissaħħaħ il-ħarsien sħiħ taċ-ċittadini kontra l-abbużi tal-poter minn min iħaddem il-liġijiet u r-regolamenti li jagħmel il-Gvern;

(v) Jissaħħu s-setgħat tal-Awditur biex ikun jista' jaqdi dmirijietu aħjar ħalli jkun hemm aktar kontroll fuq l-użu ta' flus il-poplu;

(vi) Tiġi definita b'mod ċar x'ifisser li l-Gvern irid "jikkonsulta" l-Oppożizzjoni.

(F) Xi emendi oħra li jinħass li huma meħtieġa biex jissaħħu u jiġu garantiti l-liberta', id-demokrazija u l-ġustizzja soċjali f'pajjiżna.

U dan kollu jkun tajjeb li jseħħ fi spirtu tabilħaqq demokratiku billi t-tibdiliet meħtieġa fil-Kostituzzjoni jitqiegħdu għall-approvazzjoni tal-poplu, fi kwadru ta' reviżjoni sħiħa tal-Kostituzzjoni, biex din dejjem tirrifletti aħjar il-valuri veri tal-poplu Malti.".

**L-Emenda "A" m'għaddietx.**

**Il-mozzjoni kif imressqa mill-Prim Ministru, għaddiet fis-Seduta 178 tas-6 ta' Ġunju 1984.**